32005D0943

L 342/94 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 24.12.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Diċembru 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 93/195/KEE dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja

*(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 5496)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' equidae (razza taż-żwiemel) [1], partikolarment l-Artikolu 19(ii) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE [2], id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tlielaq, għall-kompetizzjoni u l-avvenimenti kulturali wara l-esportazzjoni temporanja huwa ristrett għaż-żwiemel li jkunu nżammu f' pajjiż terz għal inqas minn 30 ġurnata.

(2) Skond dik id-Deċiżjoni, madankollu, iż-żwiemel li kienu ħadu sehem fil-*United Arab Emirates Endurance World Cup* u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f' dik id-Deċiżjoni huma awtorizzati li jerġgħu jidħlu fit-territorju Komunitarju wara l-esportazzjoni temporanja ta' inqas minn 60 ġurnata.

(3) Sabiex ikun iktar faċli għaż-żwiemel li joriġinaw mill-Komunità biex jieħdu sehem f'dawk il-kompetizzjonijiet, regola speċjali għandha tapplika għall-kompetizzjonijiet kollha ta' l-*Endurance World Cup* li jkunu saru skond ir-regoli, inkluża s-superviżjoni veterinarja, tal-*Federation Equestre International (FEI)*, irrispettivament minn liema pajjiż minn fost dawk approvati skond id-Direttiva 90/426/KEE issir fih il-kompetizzjoni.

(4) Id-Deċiżjoni Nru 93/195/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata kif jixraq.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 93/195/KEE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, is-seba' inċiż huwa mibdul b' dan li ġej:

   "— ħadu sehem fl-*Endurance World Cup*, irrispettivament minn liema pajjiż minn fost dawk approvati skond id-Direttiva 90/426/KEE issir fih il-kompetizzjoni, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'ċertifikat tas-saħħa skond il-mudell li jidher fl-Anness VII ta' din id-Deċiżjoni."

2. L-Anness VII huwa sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-27/XII/2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/68/KE (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 320). Verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 128.

([2]) ĠU L 86, 6.4.1993, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/771/KE (ĠU L 291, 5.11.2005, p. 38).

*ANNESS*

*"ANNESS VII*

## ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

**għall-inklużjoni mill-ġdid taż-żwiemel li jkunu ħadu sehem fl-*Endurance World Cup* wara l-esportazzjoni temporanja ta' mhux iktar minn 60 ġurnata**

Ċertifikat Nru: ........................................................................

Pajjiż terz ta' l-esportazzjoni: ..........................................................................................................................

Il-Ministeru responsabbli: ..................................................................................................................................

I. **Identifikazzjoni taż-żiemel**

a) Nru. tad-dokument ta' identifikazzjoni: ............................................................................................

b) Ivvalidat minn: ................................................................................................................................
(isem l-awtorità kompetenti)

II. **L-orġini taż-żiemel**

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn: ..........................................................................................................
(post tat-tluq)

Lejn: ......................................................................................................................................................
(il-post tad-destinazzjoni)

bl-ajru: ...................................................................................................................................................
(agħti n-numru tat-titjira)

L-isem u l-indirizz ta' min jikkunsinna: ...................................................................................................

Isem u indirizz tar-riċevitur: ....................................................................................................................

III. **Informazzjoni sanitarja**

Jien hawn taħt iffirmat, niċċertifika li ż-żiemel imsemmi hawn fuq jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt III (a), (b), (c), (e), (f), (g) u (h) ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/195/KEE u li nżamm f'impriża li hija approvata uffiċjalment taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali minn meta daħal fit-territorju ta' ……………………………… (isem tal-pajjiż esportatur) fid-data ………………………………………… (inqas minn 60 ġurnata) u matul dak il-perijodu nżamm fi stalel separati mingħajr kuntatt ma' ekwini ta' kondizzjoni ta' saħħa iktar baxxa, ħlief matul il-kompetizzjonijiet.

IV Iż-żiemel ser jitwassal b'mezz tat-trasport nadif u diżinfettat minn qabel permezz ta' diżinfettant li huwa rikonoxxut uffiċjalment fi …………………………………………………………………………………… (isem tal-pajjiż esportatur).

V. Dan iċ-ċertifikat jgħodd għal għaxart ijiem.

| Data | Post | Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (1) |
|---|---|---|
| | | |

Isem (b'ittri kbar) u kariga.

(1) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak stampat."